MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Numru 9/2002

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Mosbah Mohsen Ben Ibrahim

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) f'xi hin qabel it-tmienja ta' filghaxija (8pm) ta' nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, tal-elfejn (2000), bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha b'dan illi l-persuna arrestata, mizmuma jew isekwestrata giet mhedda bil-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**2) fl-istess data u hin bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew li ma jaghmilx**

**xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**3) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, b'dan li l-attakk jew ir-resistenza sar minn tlieta minn nies jew aktar, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**4) harab minn post ta' kustodja jew ta' piena, b'dan li l-harba saret bil-vjolenza fuq il-persuna, jew bi ksur ta' dawn il-postijiet, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**5) seraq vettura li tiswa aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), valur, hin u xorta tal-haga misruqa, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**6) dahal b'abbuz f'dar jew lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodici Kriminali, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**7) kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun b'xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**8) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, b'dan li l-attakk jew resistenza sar minn wiehed jew tnejn minn nies, u dana skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Fliet l-atti kollha processwali tal-kumpilazzjoni biss ghal dak li jirrigwarda l-punti li ser jigu decizi b' din is-sentenza preliminari;**

**Rat ir-rikors tal-akkuzat tat-30 ta' Lulju, 2002 (fol. 13) li bih talab li jigi awtorizzat li nota annessa mall-istess rikors tigi annessa fl-atti tal-kawza.**

**Rat in-Nota annessa mall-istess rikors ukoll tat-30 ta' Lulju, 2002 li biha l-akkuzat ghazel li ma jigix maghzul guri ghall-kawza tieghu .**

**Rat id-Digriet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, li bih, wara li rat l-artikolu 436 (6) tal-Kap. 9, laqghet it-talba ghall-prezentata tan-nota <u>interament bla pregudizzju</u> ghall-ammissibilita' ta' l-istess nota kif ukoll ghall-ammissibilita' tal-ghazla li qed tigi maghmula fiha, u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-imsemmi subartikolu (6) kif ukoll is-subartikolu (7) tal-art. 436, u li bih ordnat il-komunika tar-rikors, nota w digriet lill-Avukat Generali (Fols. 13 a tergo u fol. 15).**

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li biha, in vista tal-komunika maghmula fuq dan id-digriet, iddikjara li l-akkuzat, f'' dan l-istadju, mhux intitolat li ma jghaddix guri.

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt fis-seduta tal-bierah;**

**Rat in Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tat-8 t'Awwissu, 2002 li biha eccepixxa:-**

**1. li hu diga gie gudikat u misjub hati fuq il-Kapi l-1,2,3,4 7, u 8 tal-Att tal-Akkuza Nru.9/2002 ;**

**2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzi fil-Kap.1 u 2 tal-Att tal-Akkuza jkopru l-istess fatti msemmija fl-akkuza fil-Kap. 4 u ghalhekk huma akkuzi dupliki (Sic!) u kontra l-ligi .**

**Rat il-lista tax-xiehda w tad-dokumenti li d-difiza behsieba tressaq ;**

**Rat l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2002, li per mezz tieghu, Dr. Lynn Zahra, qabel ma ghaddiet biex tittratta l-mertu tal-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, issollevat formalment il-kwistjoni tal-ksur tal-jeddijiet tal-bniedem kif protetti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-art. 39(9) u l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem taht l-Art. 6 (1), in vista tal-fatt li l-akkuzat gja gie kastigat ghall-uhud mill-fatti li jiffurmaw il-bazi tad-diversi kapi tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk formalment talbet li din il-Qorti tirreferixxi din il-kwistjoni lill-Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) ghad-decizjoni fuq dan il-punt .**

**Rat is-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru, 2002 li biha, a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, baghtet il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-akkuzat skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2002, u dana skond il-ligi w ddifferiet l-kawza "sine die", sakemm ikun hemm ezitu definittiv fil-proceduri li jkollhom isiru b'konsegwenza ta' dik ir-referenza kostituzzjonali .**

**Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, tal-4 t' Awwissu, 2005, li biha dik il-Qorti ddikjarat li ma jirrizultax li huma applikabbli l-provvedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni w b' hekk ma hemmx ksur tal-istess provvedimenti w, fit-tieni lok, iddikjarat li huma applikabbli l-provvedimenti tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap.319) u b' hekk jirrizulta li hemm ksur tad-dritt fondamentali tal-akkuzat tad-dritt tieghu li ma jigix processat aktar minn darba w dana appuntu kif stabilit bid-dispozizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 6 (1) u dana bl-eccezzjoni ta' dawk l-akkuzi li ma jinkwadrawx ruhom fl-offizi dixxiplinari li taghhom l-akkuzat gja nstab hati w, fit-tielet lok, ordnat li l-atti jigu rimessi lil din il-Qorti sabiex din tiddisponi mill-kaz skond dik is-sentenza;**

**Rat li, kif anki jaqblu l-partijiet bil-verbal tal-21 ta'Frar, 2006, dik is-sentenza ghaddiet in gudikat;**

**Hadet nota ta' dak hemm deciz;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta'Frar, 2006, li bih Dr.Lyn Zahra, ghall-akkuzat, iddikjarat illi jekk l-akkuzat jigi misjub hati w penalizzat fuq il-kapi li baqa', li ma kienux inkluzi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, ser ikun hemm ir-risjku ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi flok l-akkuzat jinghata kastig wiehed globali skond l-artikolu 17 (b) tal-Kap.9, ser ikun ha l-kastig tal-Bord tad-Dixxiplina w l-kastig li tista' taghti l-Qorti Kriminali.**

**Rat ir-risposta verbalizzata ta' Dr. Anthony Barbara, ghall-Avukat Generali li biha ssottometta li din l-eccezzjoni hija frivola w vessatorja, peress li d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) gja ddecidiet li l-proceduri ghandhom jitkomplew f'dawk l-akkuzi li ma jinkwadrawx ruhom fl-offizi dixxiplinari w li l-akkuzat f' dawn il-proceduri ma ghamel ebda appell minn din id-decizjoni.**

**Rat il-verbal sussegwenti li sar fl-istess seduta, li bih Dr. Lyn Zahra rtirat l-ewwel sottomissjoni taghha li tirrigwarda r-riskju tal-vjolazzjoini tad-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Rat il-verbal tal-istess seduta li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u r-Raba' kapi tal-Att tal-Akkuza ghandhom jigu annullati u li s-Seba Kap ghandu jigi limitat ghall-pussess ta' arma bla licenzja barra mill-limiti tal-habs civili, kif ukoll il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li, in vista tal-fatt li l-akkuzi li jista' talvolta jifdal fl-Att ta' l-akkuza ma jirrigwardawx agir fil-habs u jistghu jreggu l-istess bla ma ssir ebda riferenza ghal xi harba mill-habs jew ghall-fatt li l-akkuzat kien il-habs, il-Qorti ghandha teditja l-kapi 5 sa 8 konformement .**

**Rat il-verbal tal-istess seduta li bih Dr. Lyn Zahra, in vista tal-ftehim fuq registrat irtirat it-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat;**

**Rat in-Nota ta' cezzjoni li biha l-istess tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzat giet irtirata.**

**Rat il-Verbal li bih Dr. Lyn Zahra ddikjarat li l-akkuzat qed jibqa' ssostni n-nota tat-30 ta' Lulju, 2002.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Barbara, ghall-Avukat Generali nsista li dik in-nota mhux ammissibbli ghax tmur kontra dak li tghid il-ligi fl-artikolu 436 (7) tal-kodici Kriminali.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi in vista ta' dak deciz mill-Qorti Civili, Prim Awla, ghadd ta' kapi tal-Att tal-Akkuza li jirrigwardaw fatti li taghhom l-akkuzat gja gie processat u kastigat, kif spjegat fid-dettall fis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, ma jistghux jibqghu jreggu, ghaliex inkella l-akkuzat ikun qed jigi gudikat aktar minn darba ghall-istess reati u dan ikun leziv ghad-drittijiet tieghu kif salvagwardati mid-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk din il-Qorti trid tidentifika liema huma dawn il-kapi w tiddeciedi konformement.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-akkuzat f' l-att ta' Akkuza in kwistjoni qed jigi akkuzat hekk :-**

| TAHT KAP | BL-OFFIZA TA' BI KSUR TAL-ARTIKOLI |
|---|---|
| **1** | **Sekwestru ta' SCO 40 u CO 70 ufficjali pubblici 86 u 87 (c) Kap.9 . u theddid bil-mewt tal-istess ufficjali .** |

**2 vjolenza u theddid biex igieghel ufficjali pubblici ma 91 tal-Kap.9**
**jaghmlux dak li ghandhom jaghmlu**
**3 attakk u rezistenza bi vjolenza u hebb kontra persuni 96(b) tal-Kap.9**
**inkarikati minn servizz pubblku skond il-ligi**
**4 harba mill-habs**
**152 tal-Kap.9**
**5 serq ta' vettura li tiswa aktar minn elf lira ,kwalifikat 261 (a)(c)(f)(g),262**

**(b),267,270,271(g)**

**277(a) 279(b),Kap.9**
**6 Dhul b'abbuz fi djar jew recint**
**264,265,266 u 330(b)**

**Kap.9**
7 Pussess t'arma improprja bil-ponta bla licenzja 13(1) u 19 , Kap.66
**8 Attakk u rezistenza fuq Pulizija f'Ghajn Tuffieha 96(a) , Kap.9**

**Illi l-akkuzat jirrizulta li gie mghoddi passi dixxiplinari quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fil-Habs Civili ta' Kordin li fl-4 t'April, 2000 li tah kastig, minn liema decizjoni w kastig hu appella quddiem it-Tribunal tal-Appell, li ddecieda finalment dwar dan l-appell fit-2 ta' Mejju, 2000 (Dok. C, anness man-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat ) billi cahad l-appell ghajr dwar l-item "S" li gie invokat inutilment u ghalhekk ikkancella l-kastig impost ghal dan l-item, u b'hekk l-akkuzat kien instab hati definittivament u kastigat ta' ksur tar-Regolamenti tal-1995 dwar il-Habs u b'mod partikolari tal-paragrafi segwenti tar-regolament 74 :-**
**(b) assalt ta' persuna**
**(c) cahad access ghal xi parti mill-habs lil xi ufficjal tal-habs;**
**(e) ipperikola s-sahha jew is-sikurezza personali ta' ohrajn ;**

**(f) fixkel ufficjal tal-habs fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu**
**(g) (i) kellu fil-pussess tieghu xi oggett ipprojbit jew mhux awtorizzat ;**
**(j) ha, minghajr awtorita' jew raguni legittima, xi oggett li kien jappartjeni lil persuna**
**ohra jew lil habs;**
**(m) assenta ruhu minn xi post fejn huwa kien mehtieg li jkun jew kien prezenti f'xi**
**post fejn ma kienx awtorizzat li jkun;**
**(o) wera nuqqas ta' rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs;**
**(p) dagha jew uza kliem jew imgieba ta' theddid , abbuzivi , oxxeni jew insolenti ;**
**(t) zamm xi persuna kontra l-volonta' taghha ;**
**(u) harab waqt li kien mizmum jew meqjus li kien mizmum il-habs**
**(w) b'kull mod iehor li jkun ghamel reat kontra l-buon ordni u d-dixxiplina.**

**Bis-sahha tar-Regolament 77 tal-istess Regolamenti, bl-eccezzjoni tal-"item" "w" li dwaru ma inghata ebda kastig, l-akkuzat gie moghti l-piena massima ta' 30 jum rekluzjoni f'cella ghal kull wahda mill-*"items"* fuq imsemmija flimkien mall-piena massima ta' 120 jum ta' tnaqqis mis-sentenza *("remission of sentence")* ghal kull wahda minn dawk l-"items", bl-eccezzjoni tal-"items" "t" u "u", fejn il-piena imposta kienet ta' 365 jum telf ta' *"remission*". Di fatti, fil-kors tal-kumpilazzjoni, fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2001 (Fols. 545-548) kien xehed id-Direttur tal-Habs li kkonferma li l-akkuzat, bhala rizultat tal-passi dixxiplinarji li ttiehdu kontra tieghu fil-habs, kien tilef 1930 jum "*remission"* w, apparti dan, kien inghata decizjoni ta' "*solitary confinement*" cioe' *"self committment*" li joqghod fic-cella.**

**Illi ma hemmx dubju li uhud mill-fatti kontemplati fil-passi dixxiplinari kontra l-akkuzat jirrigwardaw l-istess fatti konnessi mall-allegata harba mill-habs tal-akkuzat, fid-29 ta' Marzu, 2000 u l-allegati ncidenti li akkompanjaw tali harba li huma l-mertu ta' diversi**

**kapi tal-Att tal-Akkuza, partikolarment dawk imsemmija fil-kapi 1,2,3,4 u 7, in kwantu dan l-ahhar kap jista' jirriferi biss ghall-pussess ta' arma bla licenzja gol-habs civili ta' Kordin.**

**Di fatti, minn ezami akkurat ta' l-akkuzi li taghhom gie processat l-akkuzat mill-awtoritajiet tal-habs jidher ovvju li l-akkuzi ( c ) u (t) jinkwadraw ruhom fil-fatti indikati fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, l-akkuzi (b) (f) (o) u (p) jinkwadraw ruhom fil-fatti indikati fit-tieni kap ta' l-att ta' l-Akkuza, l-akkuza (b) (o) u (p) jinkwadraw ruhom fit-tielet kap ta' l-att tal-akkuza w l-akkuzi (m) w (u) jinkwadraw ruhom fir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuza. Finalmnent l-akkuza (i), in kwantu tista' tirriferi ghall-pussess ta' arma sikkina bla licenzja gewwa l-habs civili ta Kordin, tkun tista' tinkwadra ruha fis-seba Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, in kwantu dan il-Kap jirriferi mhux biss ghall-pussuss fi *"bnadi ohra f' Malta"* imma ukoll ghall-*"Habs ta' Kordin".***

**Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti - u kif del resto anki vverbalizzaw li jaqblu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza - ghandhom jigu annullati l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba kap tal-Att ta' l-Akkuza w s-Seba Kap tal-Att ta' l-akkuza ghandu jigi limitat ghal pussess tal-istess arma f' Malta minghajr ma ssir riferenza ghall-habs civili ta' Kordin.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar in-nota kontenenti l-ghazla tal-akkuzat li ma jintghazilx guri f' dan il-kaz u li kienet thalliet tigi annessa fl-atti tal-kawza minn din il-Qorti diversament preseduta *"<u>interament bla pregudizzju</u> ghall-ammissibilita'"* taghha, jigi osservat li l-akkuzat, kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxalli Anthony Briffa w Luke Ghigo (fol. 12 a tergo), kien gie notifikat bl-Att ta' l-Akkuza odjern fit-**18 ta' Lulju, 2002. **Din in-nota pero' giet prezentata biss fit-30 ta' Lulju, 2000 u cioe' aktar minn ghaxart ijiem wara n-notifika ta' l-Att ta' l-akkuza.**

**Issa skond is-subartikolu (6) tal-artikolu 436 tal-Kap.9, l-akkuzat jista', mhux aktar tard minn ghaxart ijiem wara d-data tan-notifika ta' l-avviz imsemmi fl-art. 438 (6) li jirrigwarda l-avviz ghas-smiegh tal-kawza <u>wara li jkunu gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari</u> f' dan il-kaz jew tal-ordni imsemmi fl-artikolu 620 (4) – li mhux applikabbli f' dan il-kaz – jipprezenta nota fir-registru tal-Qorti li biha jaghzel li guri ma jigix maghzul ghall-kawza.**

**Illi ghalhekk jidher li t-terminu ta' ghaxart ijiem jibda' jeddekorri mid-data li fiha jkunu nqatghu l-eccezzjonijiet preliminari, meta - kif inhu dan il-kaz - tali eccezzjonijiet jinghataw. Ergo n-nota tal-akkuzat tat-30 ta' Lulju, 2002, jekk xejn, inghatat prematurament izda zgur mhux tardivament.**

**L-Avukat Generali pero' obbjetta li f' kull kaz josta ghal din l-ghazla dak li jinghid fis-subartikolu (7) tal-istess art. 436 u cioe' li din l-ghazla ma tapplikax ghall-akkuzat li jkun sab oggezzjoni kif imsemmi fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tal-art. 370 tal-Kodici Kriminali. Dan is-sub-inciz jipprovdi ghal-kaz meta l-akkuzat, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, jkun sab oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.**

**Issa mill-atti processwali fil-kumpilazzjoni kontra l-akkuzat u partikolarment mill-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2000 (fol. 450) jirrizulta li wara li nqraw l-artikoli mibghuta mil-Avukat Generali lil-Qorti tal-Magistrati fit-12 t' Ottubru, 2000 (fol. 313) u wara li uhud mill-ko-akkuzati ddikjaraw li ma kienux isibu oggezzjoni li jigu gudikati minn dik il-Qorti, gie verbalizzat testwalment hekk :-**

***"L-imputat Musbah Mohsen ben Ibrahim, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti."***

***Omissis***

***“F’ dan l-istadju Musbah Mohsen jiddikjara li jrid jghaddi guri f’ dan l-istadju u ghalhekk fil-konfront tieghu, tibghat l-atti lil Avukat Generali.”***

***“Fid-dawl tal-fatt li l-imputat Musbah Mohsen ghazel li jghaddi guri tibghat l-atti lil Avukat Generali.”***

**Ikkonsidrat ;**

**Illi ghalhekk jidher li l-akkuzat kellu ripensament u, wara li kien iddikjara li ma kienx isib oggezzjoni li jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, bidel il-hsieb u ftit aktar tard fl-istess seduta, ddikjara li ried jghaddi guri. Tant li l-Ewwel Qorti kellha – fil-kaz tieghu biss - tirrinvija l-atti lill-Avukat Generali, li mbaghad hareg l-Att ta’ l-Akkuza odjern.**

**Illi skond l-artikolu 436 (7) tal-Kodici Kriminali, dan l-agir tal-akkuzat kjarament issa jipprekludieh milli jezercita d-dritt tal-ghazla kontemplat fl-artikolu 436 (6) u l-kaz tieghu bil-fors irid jinstema’ bil-gurati.**

**Ikkonsidrat;**

**Li darba li qed jigu dikjarati nulli l-ewwel erba Kapi ta’ l-Attta’ l-Akkuza, u darba li fihom jissemma li l-akkuzat kien il-habs u li d-diversi reati allegati saru jew gew kommessi fil-kuntest ta’ harba mill-Habs u darba ukoll li fil-kapi sussegwenti, Hamsa, Sitta, Seba’ u Tminja, li jirrigwardaw fatti li graw barra l-habs, hemm riferenza ghac-cirkostanzi msemmija fl-ewwel erba kapi w tissemma ukoll il-harba mill-habs u billi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss u tara li  hu opportun li dan il-fatt ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati fl-att ta’ l-Akkuza, - kif ukoll iddikjaraw li jaqblu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza - jidher opportun li jkun hemm xi korrezzjonijiet fil-Hames, is-Sitt, is-Seba w t-Tmin Kap, kif issa ser jigu ri-enumerati l-Ewwel Kap sar-Raba’ Kap, kif ser jidher hawn taht .**

**Ghaldaqstant tiddisponi definittivament mill-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat kif ukoll min-nota tieghu tat-30 ta' Lulju, 2002 billi :-**

**(A) tilqa' limitatament l-ewwel eccezzjoni tieghu billi:-**

**fl-ewwel lok, tiddikjara li hu gja gie gudikat fuq il-fatti lilu addebitati fl-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u r-Raba' kapi tal-att ta' l-akkuza w ghalhekk, in omagg tal-principju ta' *"ne bis in idem"* , tiddikjara dawn l-ewwel erba kapi tal-Att ta' l-Akkuza nulli u bla effett; Konsegwentement tordna li l-Hames, is-Sitt, is-Seba' w t-Tmin kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza jigu ri-enumerati l-Ewwel, It-Tieni, t-Tielet u r-Raba' kapi rispettivament.**

**fit-tieni lok, tiddikjara li s-seba' kap tal-Att ta' l-Akkuza, li issa ghandu jigi ri-enumerat "It-TIELET KAP", ghandu jiftiehem u jitqies biss li jirrigwarda l-pussess ta' arma (sikkina) ta' kull xorta li tkun b' xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, biss** "f' Malta**" u ghalhekk tordna li ma jkunx hemm riferenza ghall-Habs ta' Kordin, billi fl-ewwel paragrafu jithassru l-kliem** "fil-Habs ta' Kordin u bnadi ohra".

Fit-tielet lok, tichad l-istess eccezzjoni in kwantu din tirrigwarda it-tmin kap tal-Att ta' l-Akkuza li jirrigwarda r-reat ta' attakk u rezistenza fuq persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, stante li dan allegatament gara barra mill-habs civili ta' Kordin u cioe' fl-inhawi ta' Ghajn Tuffieha, fatt li dwaru l-akkuzat ma setax jigi gudikat mill-Awtoritajiet tal-Habs, b' dana pero' li, ghar-raguni fuq indikata, ghandhom jithassru l-kliem "**wara li kien harab mill-Habs ta' Kordin",** li hemm fl-ewwel paragrafu tal-istess Kap u li issa ghandu jigi ri-enumerat "IR-RABA' KAP".

**(B) Stante li f'kull kaz l-ewwel, it-tieni u r-rabi kapi tal-Att ta' l-Akkuza qed jigu annullati w stante li t-tieni eccezzjoni giet ceduta fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2006 kif fuq intqal, ma hux il-kaz li din il-Qorti ghandha ghallfejn tippronunzja ruha dwar it-tieni eccezzjoni**

**preliminari tal-akkuzat u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**Tordna li fil-Hames Kap, li issa ser jigi ri-eunmerat "l-EWWEL KAP", fl-ewwel paragrafu jithassru l-kliem "**fiz-zmien u …..u cioe'**"** **,** "waqt li**"** **u** "kien qed jahrab mill-Habs ta' Kordin";

**Tordna li fis-sitt kap, li issa ser jigi ri-enumerat "IT-TIENI KAP", fl-ewwel paragrafu jithassru l-kliem "**fiz-zmien ……u cioe'"

**Tordna li fis-seba' kap, li issa ser jigi ri-enumerat "IT-TIELET KAP", fl-ewwel paragrafu jithassru l-kliem** "fiz-zmien ……u cioe' **"** **u l-kliem** "fil-Habs ta' Kordin u bnadi ohra **", kif fuq intqal.**

**Tordna li fit-tmin Kap, li issa ser jigi ri-enumerat "Ir-RABA' KAP" fl-ewwel paragrafu jithassru l-kliem "**fiz-zmien ……u cioe'" **u l-kliem** "wara li kien harab mill-Habs ta' Kordin", **kif fuq intqal.**

**Tiddikjara li l-akkuzat huwa prekluz milli f' dan l-istadju jezercita l-ghazla altrimenti lilu kompetenti skond l-artikolu 436 (6) tal-Kodici Kriminali li jigi gudikat biss mill-Imhallef togat u minghajr gurati.**

Tordna li l-akkuzat jigi notifikat mill-gdid bl-Att tal-Akkuza, kif issa mibdul, u tiddifferixxi l-kawza ghat-22 ta' Mejju, 2006 - dment li ma jkunx hemm appell minn din is-sentenza fil-frattemp u/jew tali appell ma jkunx gja gie deciz - biex dak in-nhar tinstema' skond il-ligi bil-gurati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------